**STQARRIJA GĦALL-MEDIA** L-Erbgħa 20 ta' Ottubru, 2010

**Nippromwovu l-Inklużjoni u d-Diversità: Niġġieldu d-Diskriminazzjoni Razzjali**

Fil-kuntest tal-allegati inċidenti li kien hemm dan l-aħħar rappurtati fil-ġurnali lokali, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tixtieq ittenni li kull attitudni u aġir razzist hu inaċċettabli. Meta nirrispettaw id-diversità, jonqos l-effett tad-diskriminazzjoni u jkun inkoraġġit it-trattament ugwali. L-NCPE tenfasizza li meta nħaddnu d-diversità, ikunu rispettati d-differenzi bejn l-individwi u jingħeleb il-preġudizzju.

L-NCPE tagħmilha ċara li hu illegali li wieħed jikser id-dinjità tal-persuna jew jitratta lil xi ħadd b'mod inqas favorevoli abbażi ta' razza jew oriġini etnika. Dan ifisser li r-razza jew l-oriġini etnika ta' persuna m'għandhomx jiddeterminaw kif din tiġi ttrattata f'dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-servizzi finanzjarji jew il-provediment ta' oġġetti u servizzi oħra.

Persuni li jħossuhom diskriminati abbażi tar-razza tagħhom fil-provediment ta' oġġetti jew servizzi jistgħu jressqu ilment l-NCPE, li għandha r-responsabbilità li tinvestiga ilmenti bħal dawn. Dawn l-ilmenti jridu jsiru bil-kitba u min iressaq ilment ikun mgħejjun x'deċiżjoni jista' jieħu dwar azzjoni li tkun tista' tittieħed. L-ilmenti mbagħad jiġu investigati u tittieħed azzjoni skond il-każ.

L-NCPE tagħti wkoll taħriġ dwar id-diversità, l-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni lil kull entità, dipartiment jew organizzazzjoni li jitolbuha dan. Dawn is-sessjonijiet iqajmu kuxjenza dwar is-suġġett u jissensitizzaw l-udjenza biex isostnu l-ugwaljanza u d-diversita'.

L-NCPE tinkoraġixxi lil kull min iħossu diskriminat kontra jew min jixtieq aktar informazzjoni, jagħmel kuntatt magħha fuq 2590 3850, fuq www.equality.gov.mt jew b'email fuq eqaulity@gov.mt